MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1554/2005

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat**
**taghha Simon Grima (C5553) abbasi tal-polza tal-assigurazzjoni**
**u tal-ligi u l-istess Simon Grima**

**Vs**

**Michael Camilleri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mitejn u dsatax-il lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm219.71c) li minnhom mija u disgha u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm169.71c) huma pagabbli lis-socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc filwaqt li hamsin

lira Maltin (Lm50) huma pagabbli lill-attur l-iehor Simon Grima bhala *excess*, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi b'rizultat ta` l-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta` Settembru, 2005 f'Paceville bejn il-vetturi bin-numri ta` registrazzjoni CAD 385 u LCY 949 ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut stante li l-incident sehh unikament bhala rizultat ta` traskuragni, imperizja u negligenza da parti tieghu.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-incident *de quo* ma garax tort ta` l-eccipjent Michael Camilleri. Ghalhekk fejn jirrigwarda lill-istess Michael Camilleri m'hemmx danni x'jigu llikwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova skond il-ligi. Illi inoltre, m'hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda ta` Andrew Pizzuto, Simon Grima, PS 500 John Giusti, PC 157 Brian Mifsud, Michael Camilleri u ta' Dorianne Camilleri.

Sema` lil Simon Grima u lil Michael Camilleri in konfront.

Sema` t-trattazzjoni ta` l-Avukat Dr Stefan Camilleri ghall-atturi u ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi fis-7 ta` Settembru, 2005 Simon Grima mar Baystreet flimkien mal-mara tieghu u presumibilment ghax ghandu stabbiliment hemmhekk. Dan l-istabbiliment huwa ftit aktar lejn il-bajja minn Baystreet faccata tal-bieb ta` Villa Rosa. Hu pparkja l-vettura CAD 385 man-naha tal-hajt ta` Villa Rosa. Waqt li kien qed jiehu drink mal-bar huwa sema` hoss u hu u xi nies ohrajn li kienu fil-bar hargu jigru u hemm induna li ntlaqtet il-vettura tieghu li kienet ipparkjata.

Huwa jghid li ra *coach* ta` Zarb Garage qieghed idur mal-bajja ta` San Gorg bl-idea li jibqa` sejjer lejn l-Intercontinental Hotel, huwa gera warajh izda ma lahqux u ghalkemm hu u xi haddiema tieghu ppruvaw jaghmlulu s-sinjali biex jieqaf, dan baqa` sejjer. Grima mar lura fil-karozza tieghu, mar l-Ghassa ta` San Giljan u ghamel ir-Rapport. Il-Pulizija ma setghux isibu s-sewwieq tal-*coach* mill-ewwel izda jumejn wara cemplu lil Simon Grima u nfurmawh li l-*coach* ta` Zarb Garage kien qieghed l-Ghassa. Simon Grima rrifjuta li jinzel l-Ghassa ghaliex deherlu li f'dawk il-jumejn kien hemm zmien bizzejjed biex il-*coach*, jekk kellu daqqa, jigi rrangat.

Michael Camilleri xehed li huwa verament kien ghaddej mill-post in kwistjoni dakinhar ta` l-incident, izda cahad kategorikament li huwa laqat il-vettura ta` l-attur. Flimkien mieghu kien hemm il-mara tieghu Dorianne Camilleri li kkorroboratu. Huwa jghid illi dakinhar ta` l-incident kellu *coach* mimlija turisti u fil-fatt waqaf fejn l-Intercontinental Hotel biex inizzilhom u fl-ebda hin ma nduna b'xi hadd qed jipprova jigbidlu l-attenzjoni tieghu jew li kien qed jigri wara x-xarabank. Il-*coach* li jsuq hu huwa ta` Zarb Garage u kull darba li jirritornah il-garaxx dan jigi ezaminat bir-reqqa kemm minnu u kif ukoll minn rapprezentanti ta` Zarb Garage u ma nstabu l-ebda hsarat fuq l-istess vettura dakinhar ta` l-incident.

Huwa nizel l-Ghassa xi jumejn wara, wara li l-Pulizija kienu kkomunikaw mieghu u quddiem il-Pulizija gie kkonfermat li l-*coach* ma kien fih l-ebda hsarat.

Illi huwa evidenti li f'din il-kawza hemm kunflitt serju bejn dak li jghid Simon Grima u dak li xehed Michael Camilleri.

Meta Simon Grima ghamel ir-Rapport tieghu ma` l-assigurazzjoni, huwa pprezenta dokument li gie ffirmat minn Tony Azzopardi, David Bonello u Simon Bonello (a fol 34 tal-process) izda, haga ta` l-iskantament, minkejja li Simon Grima ma rax il-kollizjoni attwalment issir, ma gab lill-ebda wiehed minn dawn it-tlett persuni sabiex jixhed.

Illi inoltre, fix-xhieda tieghu l-istess attur semma` illi fil-fatt il-persuna li kien l-aktar f'pozizzjoni li jixhed kien wiehed impjegat ta` nazzjonalita` barranija li kien qed jahdem mieghu izda hawn ukoll dan ix-xhud ma giex prodott u lanqas ma tressqet xi dikjarazzjoni jew xi Affidavit tieghu. F'kazijiet simili fejn l-attur irid jipprova t-tort u responsabbilta` tal-konvenut, l-attur ghandu l-piz tal-prova fuqu u dan il-piz tal-prova jrid jigi sodisfatt permezz ta` provi cari u inekwivoci. F'kaz ta` kunflitt serju, kull dubju ghandu jimmilita favur il-konvenut.

Minhabba f'dan il-kunflitt fil-provi, t-Tribunal hass il-htiega li jsir konfront bejn Grima u Camilleri u waqt dan il-konfront it-Tribunal jista` jirrimarka biss illi ghalkemm Camilleri baqa` sod fid-depozizzjoni tieghu, mill-mod kif iddepona Grima, kien evidenti illi x-xhieda tieghu ma kienetx daqshekk cara u kkristalizzata daqskemm wiehed kien jistenniha. Sahansitra, mistoqsi biex jghid jekk indunax bil-*coach* ipparkjata fejn l-Intercontinental hu u niezel l-Ghassa jghid li huwa ghadda minn hemm xi ghoxrin minuta wara. Wiehed kien jistenna aktar celerezza f'sitwazzjoni simili.

Grima ma rax l-incident isir u fl-opinjoni tat-Tribunal, jekk dan kien kaz ta` *hit and run*, *coach* tad-daqs li kien qed isuq il-konvenut, li huwa *coach* li m'huwiex facilment manuvrabbli f'inhawi fejn it-toroq huma ristretti u fejn ikun hemm hafna nies jippassiggaw, facilment seta` lahaq mal-*coach* jew inkella mar fil-karozza u jipprova jilhqu. Il-konvenut kien ipparkjat l-Intercontinental u jekk kien verament il-konvenut li laqat lill-attur, l-attur seta` facilment jilhaq mieghu u jsibu hemmhekk quddiem il-Hotel Intercontinental. Dan kollu ma sarx u ghalhekk din il-prova hija nieqsa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici minhabba li dawn ma jirrizultawx ippruvati sodisfacentement, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------